**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL. D.**

**Kumpilazzjoni 508/00**

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Leonard Callus ta' 49 sena, iben Leonard u Liberata nee Balzan, mwieled Kirkop fis-7.10.50 u residenti 85, Triq Sant'Andrija, Luqa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 842250 (M).**

**Illum 23 ta' Novembru, 2001.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Leonard Callus li gie akkuzat talli fis-26 ta' Mejju, 2000 ghall-habta ta' 1.30 a.m. f'Hal-Luqa, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Vincent Degabriele f'periklu car, ikkagunalu ferita ta' natura gravi liema ferita ikkagunatlu debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew igib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, skond kif iccertifika Dr Steve Muscat MD, mil-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi hebb kontra l-istess persuna sabiex jingurja, jdejjaq jew jaghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor qal kliem li din il-persuna jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi dispozizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghamel lill-istess persuna ingurji jew theddid, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mil-limit tal-provokazzjoni.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ghad illi kien xurban, qal kliem li jikkonsisti f'dagha u kliem oxxen fil-pubbliku.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u rat ukoll li wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti tal-kawza.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi jidher li hemm qbil bejn il-maggoranza tax-xhieda li huma kienu qeghdin jixorbu gol-bar meta dahal Degabriele fl-istess fond. Jidher li minn hawn ‘l hemm inqala’ xi diskors ghax dan Degabriele Vincent beda jghajjar lill-akkuzat Leonard Callus li m’ghandux flus u mejjet bil-guh u diskors simili, ghajru wkoll il-kelma chicken, fatt dan tat-tghajjir negat minn Degabriele.

L-istess xhieda li kienu qed jixorbu ma’ l-akkuzat qablu wkoll li l-ferut Degabriele beda jaghmel idejh ma’ wicc l-akkuzat anzi beda jxejjirlu jdejh ma’ wiccu, tant li anke laqtu bi sbrixx fi mniehru.

Kien hawn li skond l-akkuzat li hu qam bilqieghda u mbotta lil Degabriele. Nnega kemm fl-istatement, kif ukoll fix-xhieda tieghu li hu lil Degabriele tah bil-ponn. Qal fil-fatt li hu lil Degabriele imbuttah ghax haseb minhabba li beda jxejjer idejh f’wiccu. Qal li jista’ jkun li meta imbuttah dan intlaqat mal-bank ghax kien jidher imbengel.

Min-naha tieghu Degabriele xehed li hu ma jafx ghalfejn dahal jiehu drink u sab ruhu mdawwar. Qal li ordna drink u l-akkuzat hebb ghaliha minn wara, ghal xejn b’xejn. Meta l-Qorti staqsiet lil dan ix-xhud kif jaf li kien Nardu li tah daqqa ta’ ponn, wiegeb ghax rah gej mill-genb, mistoqsi kif ‘minn wara’ spicca b’daqqa ta’ ponn fuq ghajnejh wiegeb “Jien ma dortx.” (a fol 35, 36).

Hemm qbil bejn l-akkuzat u l-ferut li dawn flimkien ma jixorbux. Hemm qbil ukoll ghall-fatt kif xehed l-istess ferut li hu ma kienx jew ma riedx ihallas drinks lill-akkuzat.

Mistoqsi mid-difiza kif sofra d-daqqa, Degabriele xehed li kien "la genba u tani daqqa ta' ponn, imma kont qed narah iqum." (a fol 37). Rega' wiegeb li dan gara ghal xejn b'xejn. Qal li d-daqqa qalaghha bic-curkett b'ponn maghluq.

Ikkonsidrat

Illi l-Qorti tat hafna valutazzjoni f'dan il-kaz ghall-komportament tal-ferut Degabriele. Komportament li jista' zgur jigi apprezzat anke mill-fatt kif jidher li wiegeb l-istess xhud. L-ipotesi mressqa minn dan ix-xhud kienet li ghal xejn dan qala daqqa ta' ponn, ix-xenarju minnu mpingi hu li dahal gol-bar, ordna drink, ma riedx jordna wiehed ghall-akkuzat, fat dan gia li juri certu animosita' u f'daqqa wahda l-akkuzat mill-genb xammarlu daqqa ta' ponn. Hekk kiesah u biered.

Il-Qorti hija ben konsapevoli li dan tal-"kiesah u biered" huma affarijiet li jigru u graw ghalhekk mhux esklusivi. Pero' f'dan il-kaz, ix-xhieda kollha jindikaw mod iehor. L-istess ferut indika li hu l-aktar habib mal-barman, Carmel Camilleri. Ghalhekk biex il-Qorti ma tistriehx fuq ix-xhieda tal-hbieb ta' l-akkuzat, ezaminat ix-xhieda ta' dan Camilleri. Qal dan, cioe Camilleri li d-diskors dwar il-flus beda x'hin dahal Degabriele. Qal li Degabriele beda jghid lil Callus li kien qed jaghmel arja b'haddiehor, ikkonferma wkoll li dakinhar Degabriele hallas drink lil kulhadd, pero' lil Callus le. Ikkonferma li l-bniedem l-aktar li beda jaghmel diskors kien Degabriele u li Callus, anzi beda jirtira lura u ma

jkellmux. Qal ukoll li Twanny Borg irreagixxa ghax Degabriele kien qed jinsulta lill-akkuzat. Ikkonferma wkoll illi dawn in-nies involuti f'dan l-incident in dizamina gie li xorbu qabel ghandu u llitikaw bid-diskors, pero' li ghajr ghal dakinhar spicca kollox b'wicc il-gid.

Ikkonsidrat

Illi minn dak kollu premess mhux car kif Degabriele fil-fatt spicca ferut, jekk hux kif ipotizza hu b'daqqa ta' ponn minghand l-akkuzat, jew ghax gie imbottat skond l-akkuzat. Jidher minn dak li ntqal li hadd mix-xhieda ma ra dan l-incident per se. Ghalhekk hawn kwistjoni ta' kredibilita'. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-verzjoni moghtija minn Degabriele hija inverosimili. Jibqa' l-fatt li Degabriele spicca ferut. Jinhtieg ukoll jigi determinat jekk fil-fatt l-akkuzat Callus kellux l-intenzjoni, cioe l-mens rea li jinfliggi ferita fuq Degabriele. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li fil-fatt Callus ma kellux dik l-intenzjoni jew ahjar jekk kellu tali intenzjoni din ma gietx sufficjentement ippruvata. Dwar l-akkuzi l-ohra tqis ukoll li dawn ma gewx bl-ebda mod pruvati u ghalhekk qed tilliberah mill-istess.

Magistrat Dr Miriam Hayman LL. D.